# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIZJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Diċembru 2011

## li temenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu

(2011/900/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 2(2) tal-Anness III tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ([1]),

Billi:

(1) L-Artikolu 3(3), ir-raba' subparagrafu, tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet transitorji anness mat-Trattati jipprevedi li, sal-31 ta' Ottubru 2014, meta għandu jiġi adottat att mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, u jekk membru tal-Kunsill hekk jitlob, għandu jiġi vverifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu din il-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 62 % tal-popolazzjoni totali tal-Unjoni kkalkolata konformement maċ-ċifri tal-popolazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tal-Anness III mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem "ir-Regoli ta' Proċedura").

(2) L-Artikolu 2(2) tal-Anness III mar-Regoli ta' Proċedura jipprevedi li, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill, konformement mad-data li jkunu disponibbli għall-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel, għandu jemenda ċ-ċifri stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dak l-Anness.

(3) Għaldaqstant, ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jiġu emendati għas-sena 2012,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tal-Anness III mar-Regoli ta' Proċedura għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

"*Artikolu 1*

Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 16(5) tat-TUE u tal-Artikolu 3(3) u (4) tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet transitorji anness mat-Trattati, il-popolazzjoni totali ta' kull Stat Membru għall-perijodu kompriż bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2012, għandha tkun kif ġej:

| Stat Membru | Popolazzjoni (× 1 000) |
|---|---|
| Ġermanja | 81 751,6 |
| Franza | 65 075,4 |
| Renju Unit | 62 435,7 |
| Italja | 60 626,4 |
| Spanja | 46 152,9 |
| Polonja | 38 200,0 |
| Rumanija | 21 413,8 |
| Pajjiżi l-Baxxi | 16 655,8 |
| Greċja | 11 325,9 |
| Belġju | 10 918,4 |
| Portugall | 10 637,0 |
| Repubblika Ċeka | 10 532,8 |
| Ungerija | 9 985,7 |
| Svezja | 9 415,6 |
| Awstrija | 8 404,3 |
| Bulgarija | 7 504,9 |

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

| Stat Membru | Popolazzjoni (× 1 000) |
|---|---|
| Danimarka | 5 560,6 |
| Slovakkja | 5 435,3 |
| Finlandja | 5 375,3 |
| Irlanda | 4 480,9 |
| Litwanja | 3 244,6 |
| Latvja | 2 229,6 |
| Slovenja | 2 050,2 |
| Estonja | 1 340,2 |
| Ċipru | 804,4 |
| Lussemburgu | 511,8 |
| Malta | 417,6 |
| Total | 502 486,7 |
| Livell minimu (62 %) | 311 541,8” |

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. KOROLEC